# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 60/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**RYS**

**vs**

**RTS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' RYS datat 5 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Lulju tas-sena 1977 (ara Dok.A) anness u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, Jt (decedut) Jh li ghandu tlieta u tletin sena u Sj li ghandha sebgha u ghoxrin sena u kwidni, maggjorenni.*

*Illi l-partijiet ilhom separati legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 26 ta' Novembru 1993. (ara Dok. B);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom legalment separati ghal aktar minn erba (4) snin kif titlob il-ligi, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut stante illi ai termini tal-Art. E tal-kuntratt ta' separazzjoni tali obbligu m'ghadux vigenti tenut kont l-eta maggoreni tal-ulied.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2) *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RTS, datata 26 ta' Frar 2019 a fol 10, li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon tas-26 ta' Novembru 1993, u lanqas m'huwa kontestat li miz-zwieg tal-partijiet twieldu tliet ulied;*

2. *Illi lanqas m'huwa kkontestat illi l-partijiet ilhom jghixu separati minn xulxin ghal snin twal;*

3. *Illi madanakollu jinghad li ghall-kuntrarju ta' dak li jtenni r-rikors promotur, jinghad li r-rikorrent naqas milli jhallas manteniment ghall-ulied ghal tul ta' zmien, tant li llum hemm arretrati kbar dovuti lill-esponenti;*

4. *Illi in oltre, jigi rilevat ukoll illi ghalkemm il-kuntratt ta' separazzjoni ma jghid assolutament xejn dwar il-manteniment tal-esponenti, hi qatt ma rrinunzjat formalment ghall-istess u ghalhekk qed tirriserva l-posizzjoni taghha fir-rigward tal-istess;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi jekk it-talbiet odjerni ser jintlaqghu hi tixtieq izzomm kunjomha ta' mizzewga, ossia 'S'.*

6. *Illi finalment l-esponenti topponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri* odjerna.

Rat illi l-partijiet infurmaw lil-Qorti illi l-arretrati tal-manteniment ikkwantifikaw ghal ammont ta' 2000 Euro u li l-attur intrabat li jhallas 100 Euro fix-xahar li binthom Sj (ID 338190M) permezz ta *standing order* (Vide fol 12);

Rat in-nota prezentata mill-konvenut fil-15 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema prezenta prova ta' *standing order* irrevokabbli sabiex l-arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €2,000 jithallsu f'pagamenti mensili ta' €100 lil bint il-partijiet Sj.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**RTS** xehdet a fol 13 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Lulju 1977 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fis-26 ta' Novembru 1993 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, li llum il-gurnata tnejn minnhom huma maggorenni u wiehed minnhom sfortunatament gie nieqes. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal ferm aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Xehdet ukoll illi bejn il-partijiet ikkwantifikaw l-arretrati dovuti mill-konvenut fl-ammont ta' €2,000 u qablu li dawn ser jithallsu permezz ta' pagamenti mensili ta' €100 lil binthom Sj.

**RYS** xehed a fol 15 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tal-konvenuta.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma***

***jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Lulju 1977 (Vide Dok A fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tlett tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datat 26 ta' Novembru 1993 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi l-attur ghamel l-arrangamenti necessarji sabiex l-arretrati tal-manteniment jithallsu permezz ta' *standing order* irrevokabbli lil bint il-partijiet Sj.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**